

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 8/2016

tal-5 ta' Frar 2016

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/1291]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1486 tat-2 ta' Settembru 2015 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-kantaksantin bħala addittiv tal-għalf għal ċerti kategoriji ta' tjur, ħut ornamentali u għasafar ornamentali <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1489 tat-3 ta' Settembru 2015 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* NCIMB 30238 u ta' *Pediococcus pentosaceus* NCIMB 30237 bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1490 tat-3 ta' Settembru 2015 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' karvakrol, cinnamaldehyd u oleoreżina tal-kapsiku bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Pancosma France S.A.S.) <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-għalf ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (5) Għalhekk, l-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 149 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1426) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

- “150. **32015 R 1486:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1486 tat-2 ta' Settembru 2015 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-kantaksantin bħala addittiv tal-għalf għal ċerti kategoriji ta' tjur, ħut ornamentali u għasafar ornamentali (ĠU L 229, 3.9.2015, p. 5).
151. **32015 R 1489:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1489 tat-3 ta' Settembru 2015 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* NCIMB 30238 u ta' *Pediococcus pentosaceus* NCIMB 30237 bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali (ĠU L 231, 4.9.2015, p. 1).
152. **32015 R 1490:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1490 tat-3 ta' Settembru 2015 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' karvakrol, cinnamaldehyd u oleoreżina tal-kapsiku bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Pancosma France S.A.S.). (ĠU L 231, 4.9.2015, p. 4).”

## Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1486, (UE) 2015/1489 u (UE) 2015/1490 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 229, 3.9.2015, p. 5.

<sup>(2)</sup> ĠU L 231, 4.9.2015, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 231, 4.9.2015, p. 4.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2016, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.